MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 72/2004

**Romina Farrugia Grima**

**vs**

**Joseph Farrugia**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 12 ta' Marzu 2004 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fit-12 ta' Marzu 1992;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dimirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini **tal-Artikolu dsatax (19) (1) (g) u / jew (f) tal-Att XXXVII tan -1975 li jirregola z-zwigijiet;**

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null u bla effett;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici w il-lista tax-xhieda a fol. 2 u fol. 3 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat id-digriet tal-affidavit moghti fit-22 ta’ April 2004 fejn il-Qorti pprefiggiet lill-partijiet ghoxrin (20) gurnata sabiex jipprezentaw il-provi kollha li jistghu permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat in-nota tal-konvenut Joseph Farrugia datata 19 ta’ Mejju 2004, li permezz taghha prezenta l-affidavit tieghu.

Rat in-nota tal-attrici Romina Farrugia Grima li permezz taghha prezentat l-affidavit taghha, ta’ Jean Paul Farrugia u ta’ Marita Grima.

Rat il-verbal datat 16 ta’ Gunju 2004.

Rat il-verbal datat 23 ta’ Gunju 2004, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Gunju 2004.

Rat li l-konvenut *nonostante* li notifikat ma prezenta l-ebda nota ta’ eccezzjonijiet u ghalhekk baqa’ kontumaci.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (I) Provi Prodotti.

Rat l-affidavit tal-konvenut **Joseph Farrugia** li gie prezentat permezz ta' nota datata 19 ta' Mejju 2004. Tali affidavit jinsab a fol. 9 tal-process. Rat l-affidavit tal-attrici **Romina Farrugia Grima** li jinsab minn fol. 11 sa fol. 14 tal-process.

Rat ukoll l-affidavit ta' iben il-partijiet **Jean Paul Farrugia** u ta' oht l-attrici **Marita Grima**.

### (II) Principji Legali.

Illi l-attrici qed tibbaza t-talba taghha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligjiet ta' Malta,** ghaliex ghalkemm ic-citazzjoni attrici qed issemmi l-**artikolu 19 (1) (g)**, fil-verita' l-premessi tac-citazzjoni attrici qed jirreferu ghall-**artikolu 19 (1) (d)** u certament li ghalhekk l-indikazzjoni ta' l-**artikolu 19 (1) (g)** huwa zball dattilografu.

Illi jinghad fl-ewwel lok li ghalkemm ma sartix opposizzjoni ghall-annullament ta' dan iz-zwieg *da parte* tal-konvenut Joseph Farrugia, xorta din il-Qorti ghandha tezamina jekk it-talba attrici hijiex legalment fondata, u dan ghaliex l-istatut taz-zwieg huwa l-bazi li fuqu hija mibnija s-socjeta' nostrali u dan huwa ta' ordni pubbliku.

Illi l-attrici ssemmi fl-ewwel lok l-istess **artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jipprovdi li zwieg ikun null jekk *"vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg"*.

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"la piena avvertenza e il deliberato consenso….La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli oblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)"* ***(Bersini. F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino, 1994)**, p. 97.)

Illi l-istess awtur ikompli jispjega li *"e necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia,*

*ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio. "……..se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole"* ***(Pompedda, MF.,*** **Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento (Bologna, 1991)**, pp. 231, 233).

Illi l-awtur ***Viladrich*** jispjega li:-

*"The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* **(*Viladrich, P.J.*, Matrimonial Consent in Code of Cannon Law Annotated (Montreal, 1993*)***, *p. 686).*

Illi l-attrici bbazat t-talba taghha anke' fuq l-**artikolu 19 (1) (f)** li min-naha l-ohra jipprovdi li z-zwieg ikun null:-

*"**(f)** "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) **u "Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta'

ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) 1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit Nru 793/01/RCP), u **"Joseph Mizzi vs Pauline Mizzi"** (P.A. (RCP) 1 t'Ottubru 2002 Cit Nru 50/02/RCP) u hafna ohrajn li din il-Qorti taghmel riferenza ghalihom.

**(III) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attrici ta' 15 il-sena gja kellha relazzjoni ma' certu Paul Camilleri mill-liema relazzjoni kellha tarbija; wara sentejn kellha relazzjoni ma' ragel iehor u kellha tarbija ohra; kien wara din r-relazzjoni li l-attrici tghid li ltaqghet mal-konvenut meta hija kellha 21 sena u l-konvenut kellu 22 sena. Hija tghid li mill-ewwel marret tghix mieghu ghand ommu, izda wara gimghatejn hija giet imsawta mill-konvenut, u l-istess attrici tirrakonta li hija baghet soggetta ghall-istess swat anke meta regghet inqabdet tqila mill-konvenut. Tghid li l-konvenut kellu problema ta' xorb u kien ukoll taht kura psikjatrika, izda wara li l-istess konvenut ircieva din il-kura huwa xorta wahda refa' idejh fuq l-attrici li tghid li kellha tirrikori ghall-

kura medika minhabba punti f’rasha u ksur f’saqajha tal-lemin. Tghid li minkejja dan kollu u ghaliex xtaqet li jkollha familja hija zzewget lill-konvenut civilment u dan sar fit-12 ta’ Marzu 1992.

Illi l-attrici xorta wahda inqabdet tqila u tghid li l-konvenut baqa’ xorta jsawwatha u l-istess attrici tirrakonta seniela ta’ incidenti ta’ vjolenza domestika tul iz-zwieg kollu taghha mal-konvenut, kif jirrizulta mill-affidavit taghha. Fil-fatt fin-1993 marret tghix ghand ommha; fil-1995 rregghet irrangat mal-konvenut izda hija u uliedha baqaw jissawtu mill-konvenut, u fl-ahhar telqet mid-dar konjugali.

Illi Jean Paul Farrugia iben l-attrici jikkonferma s-swat ta’ missieru fuq ommu w fuqu u jghid li ma’ jridx jiltaqa’ ma’ missieru ghaliex jibza hafna minnu, u Marita Grima kkonfermat is-sinjali tas-swat li l-istess attrici kien ikollha fuqha.

Illi dan kollu bl-ebda mod ma huwa kontestat f’din il-kawza u r-reazzjoni tal-konvenut ghal dan kollu kien biss li fl-affidavit tieghu jghid li huwa qatt ma’ habb lill-attrici u zzewigha biss ghaliex qal li kien jithassarha u qatt ma’ kellu hsieb li jqatta’ hajtu maghha.

Illi minn dan kollu jidher li l-konvenut dejjem haqar lill-attrici b’mod estrem fejn issogettha b’mod viljak ghall-vjolenza domestika kontinwa tul ir-relazzjoni tieghu kollha maghha kemm qabel u kemm wara z-zwieg, u f’dan il-kaz is-swat mhux biss kien konstanti izda wkoll gravi; l-istess konvenut ittratta b’hekk lill-attrici bhala suditta ghalih u dan imur kontra kull kuncett sahanistra ta’ rispett lejn il-persuna, u iktar serju f’kuntest taz-zwieg fejn jidher mill-provi prodotti li l-istess konvenut ma kellu l-ebda rispett lejn id-dinjita’ tal-attrici bhala mara w individwu uman liberu, u certament li dan ifisser li l-istess konvenut, bl-attagament tieghu, fejn jidher li s-sahha w il-vjolenza kienu parti minn hajtu, qatt ma setgha jikoncepi l-elementi essenzjali taz-zwieg, minbnija fuq l-imhabba w ir-rispett reciproku tal-konjugi, kif ukoll fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi, li jwassal ghall-kuncett ta’ ghaqda bejn zewg persuni ugwali ghal hajjithom.

Illi fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut mhux biss aggredixxa lill-attrici b'mod konstanti u krudili, izda adirittura ghamel minn kollox sabiex jumilja, anke quddiem u flimkien ma' uliedha, u din il-Qorti ma' tistax tikkoncepi l-minimu ta' impenn *da parte* tal-konvenut ghar-relazzjoni fiz-zwieg, u dan l-agir tal-konvenut kien fil-fatt konsistenti kemm qabel u kemm wara z-zwieg b'dan ghalhekk li mill-istess provi din il-Qorti ma tistax hlief tasal ghall-konkluzzjoni unika li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255,** u f'dan l-isfond din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenzi fl-ismijiet **"Rose Merghni Sbouri vs Dr. Martin Fenech et nomine"** (P.A. (RCP) 27 ta' Mejju 2004); **"Benjamin Grech vs Antonia Sterling"** (P.A. (RCP) 30 ta' Marzu 2004); **"Charmiane Bilocca vs Mark Anthony Bilocca"** (P.A. (RCP) 30 ta' Gunju 2004); **"Natasha Gatt vs Dr. Mark Busuttil et nomine"** (P.A. (RCP) 30 ta' Gunju 2004).

Illi apparti dan kollu jekk wiehed ihares biss lejn ix-xhieda tal-konvenut huwa jammetti wkoll li huwa qatt ma' habb lill-attrici, u fil-fatt jghid li huwa qatt ma' kellu hsieb li jqatta' hajtu maghha u certament dan hawn immur kontra l-elementi essenzjali taz-zwieg, peress li l-kunsens taz-zwieg ghandu jkun impenn ghall-hajja mal-parti l-ohra, u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li f'dan il-kuntest il-kunsens tal-konvenut kien ukoll simulat ghaliex eskluda mill-bidu nett u b'mod attiv element essenzjali u kostituttiv tal-kuncett taz-zwieg.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha ghaliex il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut bir-rit civili fit-12 ta’ Marzu 1992 huwa null u bla effett u dan *stante* li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat abbazi **tal-artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------